ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
29 NOV 2022
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA



21 ta' Novembru 2022

Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar
Floriana

| | |
|---|---|
| Nru. ta l-applikazzjoni: | PA/06051/22 |
| Proposta: | Internal alterations at ground floor and first floor, raising of party-walls at roof level, and general cleaning/maintenance to facade. |
| Sit: | St.Mary 45, Triq il-Prof. Nerik Vassallo, Siggiewi |

Appell ta Joseph Schembri (KI: 669852M) bhala parti interessata

Jesponi bir-rispett:-

Illi l-applikanti, illum appellati intavolaw l-applikazzjoni taghhom sabiex jaghmel diversi xogholijiet fis-sit taghhom, liema applikazzjoni giet milqugha permezz ta decizjoni tal-14 ta' Novembru 2022;

Illi l-appellant kien ressaq l-oggezzjoni tieghu permezz ta dokumenti li jinsab fl-atti immarkat bhala 37A, tramite l-perit Julian Borg, liema perit indika li l-appellanti kellu servitu tal-ilma tal-ilma tax-xita u mghodija ta' katusi li jservu l-bir tal-istess appellant fis-sit tieghu;

Illi bid-dovut rispett, lejn id-decizjoni tal-Bord tal-Ippjanar, l-appellanti jhossu aggravate minn din id-decizjoni, w ghaldaqstant qieghed jissottometti dan l-Appell tieghu quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (Tribunal).

Flimkien ma dan l-appell qieghdin jigu annessi is-segwenti:
Dok. A- Kopja tad-decizjoni ta l-Awtorita li qieghda tigi appellata

L-appellant jissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal is-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok, l-appellanti huwa registered third party fil-process in kwistjoni w ghalhekk ghandu kull interess u jedd li jressaq dan l-appell;
2. Illi hekk kif jirrizulta mid-dokumenti immarkat bhala 37A fil-process ta din l-applikazzjoni, l-appellanti jgwadi minn servitu fuq il-fond mertu ta dan l-applikazzjoni, liema servitu jirrigwarda l-ilma tax-xita u mghodija ta katusi li jservu l-bir tal-appellanti;
   Illi l-fond mertu ta din l-applikazzjoni kien xi darba jifforma parti mis-sit tal-appellanti u l-mghodija tal-katusi ghall-kollezzjoni tal-ilma kif ukoll is-servitu tal-ilma tax-xita kien minn dejjem intiz biex iservi l-gonna li l-appellanti ghandu fuq is-sit tieghu;
   Illi jekk jigu tterminat dan is-servitu, li huwa wiehed essenzjali ghall-ezistenza tal-gonna tal-appellanti, apparti li l-appellanti ser jigi michud mis-servitu li huwa jgawdi ai termini tal-ligi, dan ser iffisser ukoll li l-gonna tal-appellanti ser jigu indirettament distrutti, xi haga li tmur anke kontra l-interess pubbliku;
3. Illi jekk ser jinhareg il-permess in kwistjoni, dan ser ikun ifisser li l-awtorita ser tkun qieghda tghin lill-appellant jikser il-ligi billi li b'dak propost, l-appellant ser jittenta li jittermina s-servitu tal-appellanti;

4. In oltre jekk kellu jinhareg il-permess in kwistjoni, dan ser ikun bi ksur tad-drittijiet tal-appellanti, bil-konsegwenza li a spejjez tieghu l-appellanti ser ikollu jintavola proceduri ta inibizzjoni u proceduri legali ohra sabiex iwaqqaf lill-appellat milli jaghmel xoghol li jilledi d-drittijiet tal-appellanti;

Ghaldaqstant l-appellant qieghed jitlob li l-files li sser referenza ghalihom fil-process ta' l-applikazzjoni odjerna jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-files imessmija minnu lit-Tribunal, u in segwitu ta dan l-istess Tribunal ghandu jannulla d-decizjoni ta l-Awtorita u dana that u minghajd pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

Bir-rispett,

Avv. Johnaton Abela
PH, JA Buildings,
Censu Borg Street,
Hamrun
ja@jalegal.eu